A.L. 260 ta' l-2006

ATT DWAR ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Emenda Nru. 2).

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mal-Kap. 31.

2. Fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, fl-*Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf* "1-BENZYLPIPERAZINE" taħt il-kolonna *Isem Kimiku* korrispondenti, il-kelma "dihydrochloride" għandha titħassar.